

Paġna Ewlenija > ... > Drittijietek > Il-Vittmi Ta' Delitti (għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità)
> Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż > 5 - Id-drittijiet tiegħi għall-appoġġ u għall-assistenza

5 - Id-drittijiet tiegħi għall-appoġġ u għall-assistenza

Is-Segretarjat Ġenerali għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (*Genikí Grammateía Isótitas ton Fýlon*), li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Intern, imexxi ċentri ta' konsulenza għan-nisa li huma vittmi ta' vjolenza.

Dan stabbilixxa network integrat ta' 62 struttura biex jgħin lil dawn in-nisa.

In-network jinkludi helpline 24/7 (SOS 15900), 40 ċentru ta' konsulenza, u 21 hostel għan-nisa u t-tfal tagħhom.

Il-helpline SOS15900 tista' tiġi kkuntattjata wkoll fl-indirizz elettroniku sos15900@isotita.gr. Din topera fuq bażi 24/7, 365 jum fis-sena, kemm bil-Grieg kif ukoll bl-Ingliż. L-ispejjeż tat-telefonati huma suġġetti għat-tariffi tat-telefonati lokali.

Iċ-ċentri ta' konsulenza joffru appoġġ psikosoċjali u parir legali mingħajr ħlas. Il-firxa tas-servizzi offruti issa qiegħda tespandi sabiex tinkludi l-impjeg tan-nisa u n-nisa li jsofru diversi forom ta' diskriminazzjoni (appoġġ lir-refuġjati, ġenituri weħidhom, membri tal-komunità Rom, eċċ.). L-informazzjoni ta' kuntatt (indirizzi u numri tat-telefonati) għaċ-ċentri ta' konsulenza hija disponibbli fuq <http://www.womensos.gr/> u fuq Facebook: WomenSOS.gr

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web tas-Segretarjat Ġenerali għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri: <http://www.isotita.gr/>

Iċ-Ċentru tar-Riċerka għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (*Kéntro Erewnón gia Thémata Isótitas - "KETHI"*)

Iċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri joffri appoġġ psikoloġiku u assistenza legali lill-vittmi tal-vjolenza domestika u jopera hostel għan-nisa li jkunu vittmi tal-vjolenza u għat-tfal tagħhom.

Iċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

- huwa korp regolat mid-dritt privat li ġie stabbilit fl-1994 u huwa suġġett għas-superviżjoni mis-Segretarjat Ġenerali għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri
- jinkludi servizzi reġjonali u lokali li joffru appoġġ psikoloġiku u assistenza legali lill-vittmi tal-vjolenza domestika
- jipprovdi appoġġ psikoloġiku u assistenza legali mingħajr ħlas
- jipprovdi informazzjoni, pariri u appoġġ lin-nisa li jkunu qegħdin jiffaċċjaw kwistjonijiet ta' impjeg u esklużjoni soċjali
- f'kooperazzjoni mal-Prefettura ta' Ateni, ilu jopera hostel għan-nisa li jkunu vittmi tal-vjolenza u għat-tfal tagħhom mill-1993.
- INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: <https://kethi.gr/>

Iċ-Ċentru Nazzjonali għas-Solidarjetà Soċjali (*Ethnikó Kéntro Koinonikís*)

Allilengýis - 'EKKA')

Iċ-Ċentru Nazzjonali għas-Solidarjetà Soċjali jopera network li joffri servizzi ta' appoġġ soċjali lill-individwi, familji u gruppi soċjali li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet psikosoċjali jew li jkunu jeħtieġu appoġġ soċjali immedjat.

Iċ-Ċentru Nazzjonali għas-Solidarjetà Soċjali

- huwa korp regolat mid-dritt privat, ibbażat f'Ateni, u suġġett għas-superviżjoni mill-Ministeru tax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali u s-Solidarjetà Soċjali
- Dan jinkludi s-servizzi li ġejjin:
- Il-linja diretta għall-assistenza soċjali 197 għaċ-ċittadini kollha topera fuq bażi 24/7. It-telefonati huma mingħajr ħlas.
- Il-hotline nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal 1107, għal mistoqsijiet dwar it-tfal, topera fuq bażi 24/7.
- Ċentri ta' appoġġ soċjali f'Ateni, Piraeus u Tessaloniki
- Hostels għal ċittadini li jkunu għaddejjin minn problemi soċjofinanzjarji serji fir-reġjun ta' Attica
- Dan jopera postijiet ta' kenn għan-nisa f'riskju u t-tfal tagħhom f'Attica u Tessaloniki
- Firxa tas-servizzi offruti:
- pariri u informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni soċjali
- appoġġ soċjali u psikoloġiku lill-individwi u l-familji, għoti ta' kenn lin-nisa f'riskju u t-tfal tagħhom (prinċipalment vittmi tal-vjolenza domestika u tat-traffikar tal-bnedmin)
- akkomodazzjoni għal żmien qasir għal persuni li jkunu għaddejjin minn kriżi jew emerġenza soċjali
- kooperazzjoni u medjazzjoni sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi ta' solidarjetà soċjali offruti minn organizzazzjonijiet oħra
- Fl-aħħar nett, iċ-Ċentru jibgħat timijiet ta' appoġġ psikosoċjali ta' intervent rapidu, li jikkonsistu prinċipalment minn psikologi u assistenti soċjali, f'sitwazzjonijiet ta' diżastri naturali (terremot, għargħar, nirien), inċidenti, nawfraggi li jinvolvu għadd kbir ta' vittmi, u kwalunkwe kriżi li tinvolvi għadd kbir ta' persuni meta l-preżenza ta' dawn it-timijiet titqies li hija meħtieġa.

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: <http://www.ekka.org.gr/>

Network ta' Reġistrazzjoni tal-Vjolenza Razzista

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: [NETWORK TA' REĠISTRAZZJONI TAL-VJOLENZA RAZZISTA](#)

Il-Kunsill Grieg għar-Refuġjati (*Ellinikó Symvoúlio gia tous Prósfyges*)

Il-Kunsill Grieg għar-Refuġjati huwa organizzazzjoni mhux governattiva li tappoġġa lir-refuġjati u lill-applikanti għall-ażil fil-Greċja permezz ta' firxa wiesgħa ta' servizzi psikosoċjali u legali.

Il-Kunsill Grieg għar-Refuġjati

- huwa organizzazzjoni mhux governattiva stabbilita fl-1989 sabiex tappoġġa lir-refuġjati u l-applikanti għall-ażil fil-Greċja
- jgħin lir-refuġjati jintegraw mingħajr problemi fil-Greċja permezz ta' firxa wiesgħa ta' servizzi psikosoċjali u legali
- huwa l-unika organizzazzjoni mhux governattiva Griega mingħajr skop ta' qligħ li tittratta esklużivament lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu ażil fil-Greċja u li jkunu meqjusa bħala refuġjati
- huwa rreġstrat mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u mal-Ministeru tas-Saħħa u s-Solidarjetà Soċjali bħala organizzazzjoni speċjali tal-karità
- huwa waħda mis-sitt organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem fil-Greċja u huwa membru tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (*Ethnikí Epitropí gia ta Dikaiómata tou Anthrópou*)
- huwa sieħeb tal-implimentazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u membru tal-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati.

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: <http://www.gcr.gr/>

Il-Monitor Grieg ta' Helsinki (*Ellinikó Paratiritírio ton Symfonión tou Elsínki*)

Il-Monitor Grieg ta' Helsinki jimmonitorja, jippubblika artikli u jagħmel lobbying dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-Greċja.

Il-Greek Helsinki Monitor

- ġie stabbilit fl-1992
- huwa l-membru Grieg tal-Federazzjoni Internazzjonali ta' Helsinki dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- jimmonitorja, jippubblika u jagħmel lobbying dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-Greċja u, minn żmien għall-ieħor, fil-Balkani
- ipparteċipa u kkoordinata ta' spiss il-monitoraġġ tal-media Griega u tal-Balkani għall-isterjotipi u d-diskors ta' mibegħda, u ħejja rapporti annwali dettaljati, rapporti paralleli/mhux uffiċjali għall-korpi tat-trattati tan-NU, u rapporti speċjalizzati dwar it-trattament ħażin u dwar il-komunitajiet etniċi, etnolingwistiċi, reliġjużi u immigranti.

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: <https://greekhelsinki.wordpress.com/>

It-Taqsima Griega ta' Amnesty International (*Diethnís Amnistía Ellinikó Tmíma*)

Amnesty International tindirizza lil gvernijiet, organizzazzjonijiet intergovernattivi, gruppi politiċi armati, kumpaniji u atturi oħra mhux statali u tinvestiga b'mod sistematiku u imparzjali każijiet individwali u mudelli ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Amnesty International

- hija moviment globali, indipendenti ta' voluntiera li jiġġieldu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem
- tiddefendi l-priġunieri tal-kuxjenza, il-vjolenza u l-faqar
- tfittex li ttemm il-vjolenza kontra n-nisa
- tfittex li tabolixxi l-pieni tal-mewt, it-tortura u l-limitazzjonijiet tal-libertà f'isem il-"gwerra kontra t-terror"
- tiġġieled id-diskriminazzjoni kontra r-refuġjati, l-immigranti, il-minoranzi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT:

Sit web: <http://www.amnesty.org.gr/>

■ L-aħħar aġġornament: 17/06/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.